**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz. numru 1075/00JR**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Graziella Santillo sija bil-polza u sija bil-Ligi**

**vs**

**Ivan Mercieca u b'degriet tas-17 ta' Novembru, 2000, gie kjamat in kawza Anthony Dalli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Lulju, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00), rappresentanti danni sofferti minnha f'incident awtomobilistiku tat-3 ta' Frar, 1999, f'Corradino Hill, Paola, bejn il-vettura numru HAO-076 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru LAB-095 misjuqa minn u proprjeta` tal-assikurata Graziella Santillo, liema incident gara b'tort**

**unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut meta hu baqa' diehel fil-vettura ta' l-assikurata minn wara. Bl-imghax legali mill-lum u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 t'Awissu, 2000, fejn intqal illi l-incident li sehh fit-3 ta' Frar, 1999, ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, izda gara tort u htija tas-sewwieq tal-vettura numru KCY-853, u cioe` Anthony Dalli, u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni.**

**Ra r-risposta prezentata fis-7 ta' Dicembru, 2000, mill-kjamat in kawza Anthony Dalli li fiha qal li t-talba attrici hija kontestata stante li l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament htija ta' Graziella Santillo assikurata tas-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Ivan Mercieca, Mak Axiaq, Graziella Santillo, Sabrina Ariff u Anthony Dalli. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fit-3 ta' Frar, 1999, f'Corradino Hill, Paola, quddiem il bieb ta' l-iskola li hemm f'dik it-triq.**

**2. Il-vetturi involuti fl-incident kienu, mini minor li kienet ipparkajata fuq il-bankina faccata tal-bieb ta' l-iskola, il-vettura LAB-095 misjuqa minn Graziella Santillo, il-vettura HAO-076 misjuqa mill-konvenut, u l-coach KCY-853 misjuq mill-kjamat in kawza.**

**3. Jirrizulta li tal-mini li kienet wieqfa fuq il-bankina fetah il-bieb biex inizzel xi tfal.**

**4. Bhala konsegwenza, Graziella antillo li kienet fil-karregjata ta' gewwa, u waslet bie tghaddi l-mini, isswervjat lejn il-lemin. Jidher li f'dak il-waqt il-karrozza tal-konvenut li kienet miexja warajha dahlet go fiha u laqtitha fil-gemb tax-xellug.**

**5. Meta Santilloghamlet il-manuvra imsemmija, jirrizulta li din baqghet fil-karreggjata taghha. Kif xehedet l-istess Santillo:**

> **"Jien isslowjajt…..ma qbistx il-linja medjana……Kif slowjajt hassejt daqqa fuq wara."**

**Il-passiggiera li kienet ma Santillo, Sabrina Ariff xehedet hekk:**

> **"She pulled away towards the right and the car behind hit her. When she pulled to the right she was still in the left lane."**

**Pero l-istess Ariff ziedet tghid:**

> **"Santillo abruptly pulled away and braked suddenly."**

6. **Il-vettura tal-kjamat in kawza jidher li dahlet fil-vettura tal-konvenut fl-istess waqt. Definitivament li kieku l-konvenut zamm id-distanza tieghu minn Santillo, u kien qed izomm "a proper look-out" ghat-traffiku ta' quddiemu, dana l-incident ma kienx jigri. Ghalkemm Santillo naqqset fsalt, ma jirrizultax li din kienet ghaddeja b'xi velocita` u ghalhekk ma jista' jigi attribwit ebda tort lilha, anke ghax din kif fil-fatt jirrizulta baqghet dejjem fil-karreggjata taghha. Ghalhekk ghall-incident bejn il-vettura tal-assikurata u tal-konvenut kien jahti unikament il-konvenut.**
7. **Bhala danni dawna jirrizultaw mis-Survey, Dok.MA2, u r-ricevuti Dok.MA3 u MA4, u cioe` mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00).**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident bejn il-vettura tal-assikurata u l-konvenut kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal filwaqt li jillibera lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici biss fil-konfront tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Lulju, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**